

# Seduta plenarja

28-09-2018 - 16:14  
Nru ta' Referenza: 20180917BRI13637



## Is-sessjoni plenarja fil-qosor (Strasburgu, 01-04.10.18)

<b>Karozzi aktar indaf sal-2030</b>	<b>3</b>
.....	
<b>Regoli aġġornati fis-settur tal-awdjoviżiv</b>	<b>4</b>
.....	
<b>L-MEPs jiddibattu l-prijoritajiet għas-summit tat-18 ta' Ottubru</b>	<b>5</b>
.....	
<b>L-indipendenza tal-ġudikatura ddiskutata fil-plenarja</b>	<b>6</b>
.....	
<b>L-indipendenza tal-ġudikatura ddiskutata fil-plenarja</b>	<b>7</b>
.....	
<b>Il-Prim Ministru Estonjan jiddibatti l-futur tal-UE mal-MEPs</b>	<b>8</b>
.....	

<http://www.europarl.europa.eu/news/mt/agenda/briefing/2018-10-01>

## Is-sessjoni plenarja fil-qosor (Strasburgu, 01-04.10.18)

### Għal aktar informazzjoni

[Aġenda proviżorja](#)  
[Ara is-sessjoni plenarja bil-webstreaming](#)  
[EuroparlTV](#)  
[Konferenzi stampa u avvenimenti oħra](#)  
[Websajt awdjoviżiv tal-Parlament Ewropew](#)  
[EP Newshub](#)  
[Podcasts tal-plenarja tal-EPRS dwar kwistjonijiet importanti](#)

**MT**

**Servizz ta' l-Istampa**, Direttorat Ġenerali għall-Komunikazzjoni  
Parlament Ewropew - Spokesperson: Jaime DUCH GUILLOT  
Numru tas-'switchboard' (32-2) 28 33000

1 | 8

## Kuntatti

---

John SCHRANZ

Press Officer

☎ (+32) 2 28 44264 (BXL)

☎ (+33) 3 881 74076 (STR)

📱 (+32) 498 98 14 02

✉ [john.schranz@europarl.europa.eu](mailto:john.schranz@europarl.europa.eu)

---

## Karozzi aktar indaf sal-2030

**Liġi ġdida li ser tiġi vvutata l-Erbgħa tgħid li l-emissjonijiet tad-diossidu tal-karbonju mill-karozzi l-ġodda għandhom jonqsu u l-ammont ta' karozzi b'emissjonijiet żero għandhom jiżdiedu.**

Il-Kumitat dwar l-Ambjent tal-Parlament Ewropew, taħt it-tmexxija ta' Miriam Dalli (S&D, MT), qed jipproponi li titwaqqaf mira għolja ta' tnaqqis ta' 45% tal-emissjonijiet tal-karozzi l-ġodda fl-UE sal-2030 (il-Kummissjoni pproponiet 30%), b'mira intermedja ta' 20% sal-2025. Il-liġi tistabbilixxi wkoll miri simili għall-vannijiet il-ġodda.

Il-produtturi tal-karozzi għandhom ukoll jiżguraw li vetturi b'emissjonijiet żero jew baxxi - inqas minn 50g ta' CO<sub>2</sub> għal kull kilometru - jirrappreżentaw mill-inqas 40% tal-bejgħ ta' karozzi u vannijiet ġodda sal-2030, u 20% sal-2025.

*Dibattitu: It-Tlieta, 2 ta' Ottubru*

*Vot: L-Erbgħa, 3 ta' Ottubru*

*Proċedura: proċedura leġiżlattiva ordinarja*

*Konferenza stampa: L-Erbgħa, 3 ta' Ottubru, 15h00*

### Għal aktar informazzjoni

[Abbozz ta' rapport dwar l-istandards fir-rigward tal-emissjonijiet għall-karozzi u l-vannijiet](#)

[Stqarrija għall-istampa dwar il-vot fil-kumitat \(11.09.2018\)](#)

[Profil tar-relatur Miriam Dalli \(S&D, MT\)](#)

[Fajl proċedurali](#)

[Dokument ta' riċerka tal-PE: Standards ta' CO<sub>2</sub> għall-karozzi u l-vannijiet ġodda](#)

## Regoli aġġornati fis-settur tal-awdjoviżiv

**L-MEPs ser jivvutaw aġġornament tar-regoli dwar is-servizzi tal-midja awdjoviżiva, għal aktar protezzjoni tat-tfal u kwota ta' 30% ta' ħidmiet Ewropej fil-katalogi tal-pjattaformi online.**

Ir-reviżjonijiet għal-leġiżlazzjoni ser japplikaw għax-xandara, iżda wkoll għall-pjattaformi bħal Netflix, YouTube jew Facebook.

Ir-regoli l-ġodda, imfassla biex jiproteġu lit-tfal, jinkludu l-projbizzjoni ta' kontenut li jħeġġeġ il-vjolenza, l-odju u t-terroriżmu, kif ukoll regoli aktar iebesha dwar il-pubbliċità u l-placement tal-prodotti fil-programmi tat-tfal.

### Regoli ġodda dwar il-pubbliċità

Regoli ġodda dwar il-pubbliċità huma definiti wkoll. Regoli ġenerali dwar il-pubbliċità huma definiti wkoll. Il-pubbliċità tista' tammonta għal massimu ta' 20% tal-perijodu ta' xandir ta' kuljum bejn 06.00 u 18.00, bil-perijodu prime time ikun bejn 18.00 u 00.00.

*Vot: It-Tlieta, 2 ta' Ottubru*

*Proċedura: COD*

*Konferenza stampa: L-Erbgħa, 3 ta' Ottubru, fl-10.00, maż-żewġ relaturi*

*Peter Kammerevert (S&D, DE) u Sabine Verheyen (EPP, DE)*

### Għal aktar informazzjoni

[It-test kif maqbul mal-Kunsill \(Ġunju 2018\)](#)

[Stqarrija għall-istampa dwar il-vot fil-kumitat tal-kultura \(11.07.2018\)](#)

[Profil tar-relaturi:](#)

[Sabine Verheyen \(EPP, DE\)](#)

[Petra Kammerevert \(S&D, DE\)](#)

[Fajl proċedurali](#)

[Dokument ta' riċerka tal-PE – Briefing](#)

[Materjal awdjoviv b'xejn](#)

# L-MEPs jiddibattu l-prijoritajiet għas-summit tat-18 ta' Ottubru

**L-MEPs ser jiddiskutu nhar it-Tlieta l-prijoritajiet għas-summit tat-18 ta' Ottubru bejn il-mexxejja tal-istati membri tal-UE, b'fokus fuq il-Brexit, il-migrazzjoni u s-sigurtà interna.**

B'inqas minn sitt xhur qabel il-Brexit tat-30 ta' Marzu 2019, il-mexxejja tal-istati membri ser jiddiskutu (fil-format tal-UE27) dwar is-sitwazzjoni tan-negozjati dwar it-termini tal-ftehim ta' ħruġ tar-Renju Unit.

*Dibattitu: It-Tlieta, 2 ta' Ottubru*

*Proċedura: Dibattitu mingħajr risoluzzjoni*

## **Għal aktar informazzjoni**

[Aġenda preliminarja tal-Kunsill Ewropew tat-18-19 ta' Ottubru 2018](#)

[Materjal awdjoviżiv b'xejn](#)

[Ir-riżoluzzjonijiet tal-Parlament Ewropew dwar il-Brexit](#)

# L-indipendenza tal-ġudikatura ddiskutata fil-plenarja

## L-MEPs ser jiddiskutu dwar l-aħħar riformi fil-ġudikatura fir-Rumanija u l-impatt tagħhom fuq is-separazzjoni tas-setgħat, fil-preżenza tal-Prim Ministru Dăncilă.

Id-dibattitu ser iseħħ l-Erbgħa filwaqt li riżoluzzjoni għandha tiġi vvutata fl-ewwel sessjoni plenarja ta' Novembru.

Il-Parlament [diġà ddiskuta s-sitwazzjoni fir-Rumanija](#) fi Frar, wara protesti kbar fit-toroq minħabba li l-Parlament Rumun approva riforma dwar kif tkun organizzata s-sistema ġuridika u bidliet għar-regoli dwar il-kunflitti ta' interess. Il-kodiċi kriminali u l-kodiċi dwar il-proċedura kriminali ġew modifikati wkoll, iżda dawn il-bidliet qiegħdin jiġu riveduti attwalment mill-Qorti Kostituzzjonali.

In-nies reġġu niżlu fit-toroq ix-xhar li għadda biex jipprotestaw kontra l-korruzzjoni u l-bidliet fis-sistema tal-ġudikatura.

F'Jannar il-[Kummissjoni Ewropea wissiet](#) kontra l-effett li dawn l-emendi setgħu jkollhom fuq l-indipendenza tas-sistema u l-kapaċità biex tiġi miġġielda b'mod effettiv il-korruzzjoni. Qabel id-dibattitu, Frans Timmermans, l-ewwel Viċi President tal-Kummissjoni, ser jipparteċipa fil-[laqgħa tal-Kumitat tal-Libertajiet Ċivili](#) biex jiddiskuti s-sitwazzjoni hemmhekk.

*Dibattitu: L-Erbgħa, 3 ta' Ottubru*

*Vot: L-ewwel sessjoni plenarja ta' Novembru*

*Proċedura: Dikjarazzjonijiet mill-Kunsill u l-Kummissjoni, b'riżoluzzjoni*

# L-indipendenza tal-ġudikatura ddiskutata fil-plenarja

## L-MEPs ser jiddiskutu dwar l-aħħar riformi fil-ġudikatura fir-Rumanija u l-impatt tagħhom fuq is-separazzjoni tas-setgħat, fil-preżenza tal-Prim Ministru Dăncilă.

Id-dibattitu ser iseħħ l-Erbgħa filwaqt li riżoluzzjoni għandha tiġi vvutata fl-ewwel sessjoni plenarja ta' Novembru.

Il-Parlament [diġà ddiskuta s-sitwazzjoni fir-Rumanija](#) fi Frar, wara protesti kbar fit-toroq minħabba li l-Parlament Rumun approva riforma dwar kif tkun organizzata s-sistema ġuridika u bidliet għar-regoli dwar il-kunflitti ta' interess. Il-kodiċi kriminali u l-kodiċi dwar il-proċedura kriminali ġew modifikati wkoll, iżda dawn il-bidliet qiegħdin jiġu riveduti attwalment mill-Qorti Kostituzzjonali.

In-nies reġġu niżlu fit-toroq ix-xhar li għadda biex jipprotestaw kontra l-korruzzjoni u l-bidliet fis-sistema tal-ġudikatura.

F'Jannar il-[Kummissjoni Ewropea wissiet](#) kontra l-effett li dawn l-emendi setgħu jkollhom fuq l-indipendenza tas-sistema u l-kapaċità biex tiġi miġġielda b'mod effettiv il-korruzzjoni. Qabel id-dibattitu, Frans Timmermans, l-ewwel Viċi President tal-Kummissjoni, ser jipparteċipa fil-[laqgħa tal-Kumitat tal-Libertajiet Ċivili](#) biex jiddiskuti s-sitwazzjoni hemmhekk.

*Dibattitu: L-Erbgħa, 3 ta' Ottubru*

*Vot: L-ewwel sessjoni plenarja ta' Novembru*

*Proċedura: Dikjarazzjonijiet mill-Kunsill u l-Kummissjoni, b'riżoluzzjoni*

# Il-Prim Ministru Estonjan jiddibatti l-futur tal-UE mal-MEPs

**Il-Prim Ministru Estonjan Jüri Ratas ser jiddibatti l-futur tal-UE mal-MEPs u l-President tal-Kummissjoni Jean-Claude Juncker l-Erbgħa filgħodu fl-10.00.**

Is-Sur Ratas ser ikun l-għaxar mexxej ta' stat membru tal-UE biex jiddibatti dwar il-futur tal-UE mal-MEPs.

S'issa pparteċipaw:

- Il-Prim Ministru tal-Irlanda, fis-17 ta' Jannar 2018
- Il-Prim Ministru tal-Kroazja, fis-6 ta' Frar 2018
- Il-Prim Ministru tal-Portugall, fl-14 ta' Marzu 2018
- Il-President ta' Franza, fis-17 ta' April 2018
- Il-Prim Ministru tal-Belġju, fit-3 ta' Mejju 2018
- Il-Prim Ministru tal-Lussemburgu, fit-30 ta' Mejju 2018
- Il-Prim Ministru tal-Olanda, fit-13 ta' Ġunju 2018 u
- Il-Prim Ministru tal-Polonja, fl-4 ta' Lulju 2018
- Il-Prim Ministru tal-Greċja, fil-11 ta' Settembru 2018

Il-President tal-PE, [Antonio Tajani](#), u l-Prim Ministru Ratas ser jindirizzaw press point konġunt l-Erbgħa fin-12.30 quddiem is-sala tal-protokol.

*Dibattitu: L-Erbgħa, 3 ta' Ottubru, fl-10:00*

*Proċedura: Dibattitu mingħajr risoluzzjoni*

*Press point: L-Erbgħa, 3 ta' Ottubru, fin-12.30, quddiem is-sala tal-protokol*

## Għal aktar informazzjoni

[Biografija tal-Prim Ministru, Jüri Ratas](#)

[Dibattiti dwar il-futur tal-UE](#)

[Materjal awdjoviżiv b'xejn](#)